MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1975/2002

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited u b'digriet tal-15 ta' April 2003 gew kjamati in kawza Steel Structures Company Limited u GV Xuereb Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Awissu 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm613.24 (sitt mija u tlettax-il Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) bhala bilanc ta' somma akbar dovuti ghal servizzi rezi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-kumpanija konvenuta ghandha thallas l-ammont ta’ Lm613.24 bilanc minn somma akbar, prezz ta’ servizzi rezi lilha fuq inkarigu taghha stess.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ marzu 2002 baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tal-invoice sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi, s-socjeta` konvenuta mghix il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici stante li s-servizz la gie rez lilha u lanqas gie rez fuq inkarigu taghha izda, sa fejn taf is-socjeta` konvenuta, seta` gie rez fuq inkarigu tas-socjeta` GV Xuereb Ltd;
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici rrendiet servizzi ta’ land surveying lil consortium ta’ tlett kumpaniji, wahda minnhom is-socjeta` konvenuta. Sar pagament akkont mill-leader tal-consortium u sia mis-socjeta` konvenuta. Sussegwentement assumiet ix-xoghol kollu Polidano Bros Ltd. Beda jsiru l-pagamenti minnha stess (vide dokumenti esebiti). Finalment l-AIC Stepehen Tonna talab lis-socjeta` attrici twaqqaf is-servizzi u tghaddi l-karti. Dana sar biss wara li sar pagament akkont u obligazzjoni tal-bilanc. Kien f’dawn ic-cirkostanzi biss li s-socjeta` attrici rrilaxxjat l-informazzjoni. Dan il-punt ma giex kontradett.

Il-bilanc baqa` ma thallasx. Is-socjeta` konvenuta bbazat ruhha fuq in-nuqqas ta’ informazzjoni. Fil-konfront tal-pretensjonijiet attrici dina ma taghmilx stat ta’ fatt. Il-quantum tal-ammont pretiz ma giex kontestat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna thallas is-somma ta' sitt mija u tlettax-il lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm613.24), bl-ispejjes u interessi kif mitluba, salv id-dritt tas-socjeta` konvenuta si et quantum li tfittex lis-socjeta` msiehba maghha fil-consortium G.V. Xuereb Ltd u Steel Structures Co Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------